
MONS SION IN JERUSAL

*Il-Għar Imqaddes*

*Ta' Betlehem*

*Fejn twieled Ġesù*

*"Super Muros Tuos*

*Jerusalem,*

*Constitui Custodes"*



Il-Għaxar Sena — JANNAR - MARZU, 1964. — Għadd 1.

LEĦEN

# L-ART IMQADDSA

QARI

LI JOĦROĠ KULL TLIET XHUR

MILL-KUMMISSARJAT TAL-QABAR TA' KRISTU

F'MALTA

Mitbugħ għand "Giov. Muscat & Co. Ltd." — Valletta.

// LEHEN
# L-ART IMQADDSA

QARI

MAĦRUĠ MILL-KUMMISSARJAT

TAL-QABAR TA' KRISTU

F'MALTA




Il-Għaxar Sena | JANNAR - MARZU, 1964. | Għadd 1.

X'FIH DAN IL-GĦADD

Sebħ u Sliema (Id-Direzzjoni) ... 1
Lejl il-Milied f'Betlehem (Ninu) ... 2
Iċ-Ċkejken Agħma (Dun Anton Tabone) ... 6
Bibien ta' Gerusalem (Elsie) ... 8
Għaliex l-Iklieb Joboghdu 'l Qtates ... 15
Ix-Xogħol tal-Franġiskani f'Ramle (Id-Direzzjoni) ... 16
Ir-Ramadan (Patri Bonaventura Qassis O.F.M.) ... 19
Fejqan wieħed magħmul Tnejn? (Ben Jehuża) ... 22
Il-"Codex Sinaiticus" (Fra Stiefnu O.F.M. ... 24
Aħbarijiet ta' l-Art Imqaddsa ... 31
Requiescant In Pace ... 32

*Direzzjoni:* W. R. P. Nikola Magro, O.F.M., Kummissarju tat-Terra Santa.
*Amministrazzjoni:* R. P. Valentin Cardona, O.F.M., Viċi Kummissarju.
Kummisserija tat-Terra Santa, Kunvent ta' Ġieżu, il-Belt.

# SEBH U SLIEMA

*Kemm huma milqutîn, u kemm huma f'waqthom, dawk il-kelmiet li kiteb san Lûqa, li għannew l-Anġli fuq Betlehem u naħietha, f'dak il-lejl li fih twieled il-Bambîn! Kemm hu minnu li Ġesù bit-twelid tiegħu, ġieb fid-dinja: "Sebħ 'l Alla fis-sema, u Sliema fl-art lin-nies!"*

*It-twelid ta' Ġesù kien il-bidu tal-veru Sebħ t'Alla. Għax Hu waħdu, li kien temmi f'kollox, mingħajr l-inqas ħjiel tal-iċken dnub, biex isebbaħ 'l Alla, mar, minn rajh jitgħammed, biex hekk jgħaddi ta' midneb, u jista' jiġġarrab mix-xitân. U x-xitân ġarrbu, bil-għerf u l-qilla tiegħu kollha, minn meta kien waħdu fil-egħmîq tax-xôri, sa kemm kien f'nofs ġemgħa kbîra, imsammar fil-għôli, fuq salib. Mitluq waħdu, fost l-eħrex uġiegħ, Ġesù, bħala bin Adam, baqa' jqis 'l Alla b'sidu, u qagħad f'kollox għal li ried Hu. Ħadd ma jista' jagħti 'l Alla Sebħ akbar, milli jieħu l-mewt, u mewt hekk ħarxa, biex itemm ir-rieda Tiegħu (san Ġwann, XV, 13). Mela bil-ħaqq u s-sewwa, għannew l-Anġli fuq Betlehem u naħietha, li bil-miġja ta' Ġesù fid-dinja, Alla, fis-sema, kien sa jieħu l-akbar sebħ!*

*U minnu wkoll, li Ġesù bit twelidu, kien sa jġib, fuq l-art, il-veru Sliema bejn in-nies.*

*L-imsejken bin Adam, fûq l-art li steħtet bid-dnûb l-ewlieni (Ktieb in-Nisel, III, 17), għandu wisq ħteġiet x'jaqdi. Iħoss il-ġugħ u jrid jiekol; iħoss il-għatx u jrid jixrob. Ikidduh il-bard u s-sħana, u meta jaħdem, jigħejja, u jrid jistrieħ. Kif qatt sa jagħmel, biex jaħseb dejjem għal dawn il-ħteġiet kollha? Min sa jaqdilu ħtiġietu fi ċkunitu, meta ma jkunx għad għandu u la saħħa u la tiġrib, jekk ikâdi li jisfa ltim? U min sa jgħînu f'mardi'ietu? U fi xjuħitu, min sa jaħseb fih? Miskin bin Adam, kemm irîd ibâti! Min sa jagħtih is-Sliema, li wisq jeħtieġ?*

*Ħadd, ħlief Ġesù, b'miġîtu! Għax Huwa, bit-twelid tiegħu f'Betlehem, beda t-tħejjija għal vera Sliema ta' wlied Adam. Għax fi kburîtu, il-qalba ta' tagħlîmu kienet il-għożża tan-nies bejniethom. Meta wieħed Mgħallem saqsieh x'kienu l-akbar żewġ omra tal-Liġi, wieġbu, li wara s-Sebħ 'l Alla, kienet il-għożża ta' xulxin (Matt. XXII, 35-40). Jekk nisimgħu l-kliem ta' Ġesù, u ngħożżu l-koll lil għajrna bħalna nfusna, ikollna ta' bil-ħaqq is-Sliema, għax jitneħħa minn qalbna l-biża' tat-tbatija, billi nkûnu nafu li min jiflaħ jgħin lil min ma jiflaħx. Xi Sliema, u x'hena, kien ikun hawn fid-dinja, u kif kienet titbiddel il-ħajja ta' bin Adam, f'ġenna tal-art, kieku kull ħadd iħares dana l-amar tal-Mulej!*

*Għoddha, mela, bħala li tgħanniet għalîk, dik il-għanja tal-Anġli, fuq Betlehem u naħietha. Sebbaħ lil Alla billi toqgħod għar-rieda tiegħu fil-mard u fid-dwejjaq, u fil-għakkûx kollu li fiha l-ħajja. Emminha, u oqgħod għaliha, din, li Alla Huwa sidek f'kollox, u li bik jagħmel kull ma jrîd. U b'kull ma għandek u b'kull ma tista', għîn dejjem lill-għajrek, kull meta jeħtieġ il-għajnûna. Hekk ikollok is-Sliema f'qalbek, u tama sħîħa, li bħal ma int ħennejt lil għajrek u tajtu s-Sliema, f'din id-dinja waqtija, hekk l-Imħallef tas-sema jgħati lilek, meta tmur għal ħaqq qaddiemu, il-hena u s-Sliema, fil-ħajja ta' bla tmiem.*

*ID-DIREZZJONI.*